# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert A. Cini)**
**vs**
**Ruth Camilleri Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata Ruth Camilleri Borg bint Alfred u Catherine nee Ellul, residenti l-Mellieħa u li għandha l-karta tal-identita bin-numri 266571M u li permezz tagħha ġiet imħarka talli nhar l-20 ta' Marzu 2014 għall-ħabta ta' 12:29 u fil-ġranet preċedenti f'dawn il-Gżejjer :

(a) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamilt użu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) kif ukoll inġurjajt jew heddidt, b'mod li mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienet provokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra milli limit tal-provokazzjoni lil Aaron Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
(c) kif ukoll talli tat fastidju lil Aaron Camilleri u b'mod li kienet taf jew li messha kienet taf li dan kien ta' fastidju għal Aaron Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Il-fatti fil-qosor : -</u>***

Li mix-xiehda prodotti jirriżulta li, inkluż fil-parametri taż-żmien inkriminat, inqalgħu kwistjonijiet familjari bejn l-imputata u l-parte civile, *inter alia* dwar l-użu tal-kunjom "Camilleri Cauchi" minn naħa tal-parte civile. Il-parte civile għamel proċeduri ċivili li permezz tagħhom adotta l-kunjom "Cauchi" flimkien mal-kunjom "Camilleri" – in kwantu huwa kien magħruf b'dawk iż-żewġt kunjomijiet. Dan il-fatt jidher li ma niżilx tajjeb mal-imputata li minn naħa tagħha ppretendiet li l-parte civile ma kellux il-jedd li jagħmel dawn il-proċeduri ċivili mingħajr il-kunsens tal-branka kollha tal-familja magħrufa bħala "Camilleri Cauchi" in kwantu huwa kien ottjena biss il-kunsens ta' missieru u mhux tal-kumplament taz-zijiet u familjari l-oħra wkoll. Għall-imputata din l-azzjoni da parti tal-parte civile kienet azzjoni

diviżiva u arbitrarja minn naħa tal-parte civile li kienet ser tkisser, *inter alia* l-valur artistiku tal-kunjom "Camilleri Cauchi". Dan il-kuntrast, meħud ukoll fil-kuntest ta' kwistjonijiet oħra ta' natura familjari jekk mhux ukoll patrimonjali bejn il-kontendenti, (fosthom diversi allegazzjonijiet minn naħa tal-parte civile dwar il-paternita' vera tal-istess parte civile - tra l'altro - mistqarra pubblikament ukoll fl-awla mill-istess imputata matul ix-xiehda tagħha) waslu għal fatti li taw lok għal dan il-każ.

***Il-motivazzjonijiet tas-sentenza***

Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, b'mod partikolari l-kliem li stqarret l-imputata, il-messaġġi (sms) li bagħtet lil parte civile, nonche l-komportament tagħha lejn il-kwistjoni tal-kunjom li adotta u l-kliem dirett lejn l-istess parte civile dwar l-istatus tiegħu kif ukoll ir-rabta li għandu ma' missieru u dak li missieru għamel miegħu. Il-Qorti qieset l-assjem tal-kliem, tal-egħmil u tal-komportament ippruvat tal-imputata versu l-parte civile fil-perjodu inkriminat u r-riżultat ta' dan isawwar il-konvinzjoni morali f'din il-Qorti li ġew pruvati integrati t-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni minħabba r-raġunijiet imsemmija fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja" deċiża nhar it-22 t'Awissu 2007 fejn fil-kors ta' telefonata skambjata bejn Calleja u l-parte civile intqal kliem li allegatement kien jikkostitwixxi theddid. F'dak il-każ il-Prosekuzzjoni addebitat lill-Calleja r-reat ipotizzat taħt dak li kien l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u li huwa simili ħafna għar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni odjerna (li pero huwa msejjes fuq l-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu saru emendi appożiti għal dan il-Kapitolu). F'dak il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tenniet is-segwenti (u riprodotta għall-fini ta' kompletezza):-

> Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.
>
> Illi ghalkemm l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tkompli zzid tghid **:** "**billi hedded lil Marie Luigia Coleiro permezz ta' telefonata**" , dan il-fatt b' ebda mod ma hu inkorporat fis-sub sub-inciz in kwistjoni. L-appellant qed jargumenta ghalhekk li hu qed jigi akkuzat b' reat li ma jezistix.
>
> Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl- artikolu 34 (1) kif kien qabel l-

emendi li saru bl-Att VII tas- sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal- artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-

(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop (b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali *standards* jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u

(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .

Ikkonsidrat;

Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li is- sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl- ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit- telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem " **ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih**" u "**jew tuzah b' mod mhux kif imiss**" f' dan is-sub sub-inciz ma

> jirriferix ghall- kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l- kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).
>
> Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l- ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-T aqsima tal- Kap.399.
>
> Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit- termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *"legal certainty."* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub- inciz jkunu jistghu jigu *"attached"* xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b'mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).
>
> Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall- grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399.
>
> Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirritjeni li l-agir tal-appellant ma kienx jikkostitwixxi reat taht l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu.

Din il-Qorti tqis li dak deċiż mill-Imħallef Galea Debono għandu jkollu piż interpretattiv ukoll f'dan il-każ għaliex verament ma jkunx jagħmel sens li min jhedded lil xi ħadd ikun punibbli bil-pieni stabbiliti għall-ammendi fosthom ammenda li l-anqas tlaħħaq is-sittin euro mentri min jhedded bit-telephone jew mobile ikun passibbli għall-multa li fil-massimu tista tlaħħaq għal aktar minn tlieta u għoxrin elef euro!

Mill-banda l-oħra l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputata kemm ir-reat tat-theddid jew inġurji fil-forma kontravvenzjonali skont l-Aritkolu 339(1)(e) kif ukoll ir-reat tal-fastidju ai termini tal-Artikolu 251A ilkoll tal-Kodiċi Kriminali. Kif intqal, meta l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-kliem, l-egħmil u l-komportament tal-imputata b'mod globali u mifrux fuq il-medda ta' żmien inkriminat, tqis li minbarra l-allegazzjonijiet li bdew isiru lill-imputat bil-kliem kien hemm ukoll imputazzjonijiet lejh li jmorru lil hinn mis-sempliċi twissijiet li l-imputata kienet ser tieħu passi legali

fil-konfront tal-parte civile. Aktar milli l-kliem użat jidher li kien ukoll l-atteġġjament tagħha fil-konfront tal-parte civile li beda jieħu xejra minaċċjuża kontra tiegħu mifruxa fuq medda ta' żmien u mhux f'episodju waħdieni. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li kollox ma kollox, kien hemm l-estremi taż-żewġt reati integrati f'dan il-każ.

***Id-Deċide : -***

Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17(d), 251A u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputata mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u minnha tilliberaha minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibha ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u peress li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħatja il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena lill-ħatja, wara li għamlet dak rikjest mill-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur.

Inoltre, sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-parte civile Aaron Camilleri Cauchi u sabiex jitħares l-ordni pubbliku, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda, flimkien mal-piena, torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali t'elf euro (€1000) għal perjodu ta' tnax il-xahar.

**Mogħtija illum il-11 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

*Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.*